**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 8 t' Ottubru, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur John Spiteri)**
**(Spettur Paula Ciantar)**
**(Spettur Sylvana Briffa)**

**-vs-**

**Jackson Micallef, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 436185M**

*Kumpilazzjoni Nru. 76/2017*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Jackson Micallef u ċioè talli:

> F'dawn il-Gżejjer, matul il-perjodu ta' bejn it-23 ta' Ottubru, 2015, u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, bil-qerq ħoloq jew ġiegħel jidher li donnu hemm fatt jew ċirkostanzi, sabiex dan il-fatt jew cirkostanzi jkunu jistgħu l' quddiem jiswew bi prova kontra persuna oħra, u ċioe' kontra PC446 Joseph Mifsud, bil-ħsieb li b'hekk din l-istess persuna tkun tista' tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta' reat;

Fl-istess lok, data u ċirkostanzi, uża xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniċi fornut minn impriża għal għan li ma jkunx dak li ġie fornut għalih, jew traskura milli josserva l-istruzzjonijiet li jkunu maħruġa minn impriża għall-użu kif imiss tan-network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew inkella użah b'mod mhux kif imiss;

Fl-istess lok, data u ċirkostanzi, irrenda ruħu riċediv ai termini ta' l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li ġie misjub ħati b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati tal-Ġustizzja ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex jekk jidrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta' ta' l-imsemmi Joseph Mifsud u l-familja tiegħu, u minn issa tapplika l-provedimenti tal-artikoli 412C tal-Kodiċi Kriminali u tagħmel Ordni ta' Protezzjoni taħt dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidrilha li huma xierqa.

F'każ ta' ħtija il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' Joseph Mifsud u l-familja tiegħu ai termini tal-artikoli 383 et seq. tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:
Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew fl-2015, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fis-7 ta' Novembru, 2017.

Illi fit-tieni lok jinghad li ghalkemm f'din is-sentenza l-Qorti qed taghmel riferenza ghall-istqarrijiet tal-imputat, dan sar limitatament ghall-iskop sabiex jintwera li sal-ahhar mumenti meta l-istess imputat ta' x-xhieda

tieghu quddiem din il-Qorti fejn kellu kull opportunita` jghid is-sewwa fuq kull aspett tal-kaz, issokta billi minflok jaghmel dan meta mistoqsi dwar verzjonijiet moghtija precedentement (fl-istqarrijiet minn tieghu) baqa' jaghti twegibiet u spjegazzjonijiet li huma nieqsa mill-kredibilita` rikjesta. Ghaldaqstant il-Qorti ghalkemm emmnet – kif ser jigi muri – xi partikolari li jsemmi l-imputat fix-xhieda moghtija minnu, u cioe` dwar l-involviment ta' terz/i, dan sar unikament peress li kien korroborat minn provi ohra li jippuntaw inekwikovabilment f'direzzjoni wahda. Mill-bqija jigi ribadit li l-istess stqarrijiet ma kellhom ebda piz fid-decizjoni ta' din il-Qorti li striehet ghall-kollox fuq xhieda mismugha quddiemha u provi separati u distinti mill-istqarrijiet kif inghad.

Illi xehdu **l-ispetturi investigattivi** li spjegaw li wara li l-pulizija giet mghoddija *pendrive*, instabu numru ta' *screen shots* ta' messagi li kienu ittiehdu minn fuq mobile li kellhom konnotazzjonijiet sesswali. Konversazzjoni minnhom indikat li parti kienet minorenni. Mac-*chats* instabu ritratti ta' ragel u ta' parti genitali maskili. Irrizulta lill-pulizija li r-ritratt[1] kien dak ta' PC446 Joseph Mifsud stazzjonat l-Ghassa San Giljan, u peress li mic-*chats* deher li dan Mifsud kien qed jikkorispondi ma minorenni, infethet inkjesta magisterjali u sussegwentement Mifsud gie arrestat.[2] Il-pulizija meta flew sew il-messaggi nnotaw li ma kienux isegwu u li messagg minnhom, fejn habta u sabtha l-parti l-ohra tal-konversazzoni tghid *"im still 17"*, deher barra minn loku. Ghalhekk issoktaw l-investigazzjonijiet biex jigi determinat jekk Mifsud kellux xi dizgwid ma xi hadd li seta' jwassal sabiex issir din l-azzjoni fil-konfront tieghu. Fil-kors tal-investigazzjonijiet isemma Eugene Cutajar Forte, *Chief of Customer Care* fi hdan Ministeru, izda qal li zgur it-tilwima li kellhom ma kienitx ser twassal sabiex Cutajar Forte jaghmillu hekk. Dan kien l-istess persuna li ghadda l-*pendrive* lill-Ministeru responsabbli ghall-Intern u sussegwentement ghand il-pulizija.

Il-Pulizija tkellmet ma Eugene Cutajar Forte u dan zvela maghhom li fost l-envelopes li kien ircieva, fetah wiehed li kien fih ***pen drive***, ra r-ritratti u kkonsulta mas-superjuri tieghu. Eventwalment il-*pendrive* intbghatet lill-pulizija. Il-partner ta' Cutajar Forte ukoll gie mitkellem u kien hu li semma' l-isem tal-imputat li gie mitkellem wkoll.

---

[1] Fol.18

[2] Xhieda Spettur Paula Ciantar a fol.44

Illi l-**Ispettur John Spiteri** spjega kif Mifsud gie arrestat mid-dar tieghu l-Msida.[3] Fil-bidu Mifsud ma ssuspetta f'hadd izda semma li kien hemm dizgwid ma certu Eugene Cutajar Forte li l-pulizija kienet taf li *"kien propju l-persuna li ghaddiet il-pen drive lill-pulizija fejn anke fuq nota li kien ghadda lis-superjuri tieghi kien kiteb li huwa propju Eugine Cutajar Forte li ghaddiha din il-pen drive."*[4] Cutajar Forte cahad l-involviment tieghu w ghalkemm ammetta li kellu dizgwid ma Mifsud ma kienx jaf dwar xhiex inqala' dan l-istess dizgwid. Madanakollu l-partner ta' Cutajar Forte spjega mal-pulizija x'kien is-sors tat-tilwima bejn Cutajar Forte u Mifsud.[5] Aktar stharrig beda jsir biex jigi zvelat minn kien il-mohh wara dan kollu *"kollox kien juri li kien propju Gino li kien iffabrika dawn ic-chats u dawn ir-ritratti f'dan il-pen drive minn fejn gew mghoddija"*.[6] Il-verzjoni li ta Gino lill-pulizija ma bdietx taghmel sens u dan wassal lill-pulizija tissusspetta li Gino beda jaghti informazzjoni hazina tant li safa' arrestat. Il-pulizija wara tkellmet ukoll mal-imputat li stqarr *"li huwa kien iffabrika dawn it-tip ta' chats u r-ritratti propju minhabba l-fatt li ried ipattiha lil Joseph Mifsud peress li xi darba waqt li huh kien qieghed Paceville fi club frekwentat minn persuni omosesswali l-istess Joseph [recte Mifsud] kien ipprova jittantah ….kien ipprova jordnalu xi drink fejn b'dan l-akkadut Jackson Micallef kien hasu urtat."*[7] Fl-istqarrija li ttiehdietlu Micallef kien spjega li meta fl-ewwel *chat* li ffabrika ma gewx skambjati ritratti pornografici hu fetah *profile* u *chat* ohra *"din id-darba bhala maggiorenni fejn dik id-darba gie trasmess ritratt li l-istess Joseph Misfud indika li kien propju hu li baghtu"*.[8]

Illi meta Jackson Micallef gie nterrogat ghall-ewwel darba[9] rrakonta li Joseph Mifsud kien ipprova jittanta lill-huh fil-Klozet club *"biex inpattijielu talli kien mar ikellem lill-hija"*.[10] B'hekk fetah zewg *profiles* fuq 'Grindr' u beda zewg *chats* differenti ma Joseph Mifsud; f'*chat* minnhom qallu li kien taht l-eta` filwaqt li fl-iehor (fejn deher bhala maggiorenni kif inhu) *"tlabtu ritratt"* fejn Mifsud baghtlu 3 ritratti fejn f'wiehed minnhom tidher il-parti genitali tieghu. Kien ikkopja l-iscreen shots minn fuq il-mobile ghal fuq il-laptop *"Dawn kienu ilhom ghandhi". Qadt naghmel*

[3] Fol.49
[4] Fol.50
[5] Fol.50-51
[6] Fol.51
[7] Fol.51
[8] Fol.52; ritratt a fol.19 (parti genitali maskili)
[9] **Dok. SB4** a fol.8-10
[10] Fol.9

*dan kollu qisu dan l-ahhar umbghad. Jien wara kont sibt pen drive ma l-art u gbartha. Kont htaft l-opportunita` li nuzahha u tfajt dawn l-iscreenshots kif ukoll ritratti fuqha sabiex minn hemm nghaddiha l-ufficju ta' Jose` Herrera."* Jammetti li kien *best friend* ma Gino Cutajar Forte u jiltaqaw kuljum *"Nitkellmu kuljum"* izda jinnega li Gino kien jaf bil-pjan tieghu fil-konfront ta' Mifsud *"Le Gino qatt ma kien jaf b'dan il-pjan li ghamilt kontih"*. Ikkonferma li Gino u Mifsud ma kienux baqghu hbieb wara dizgwid li kien hemm bejniethom.[11] Mistqosi ghaliex kien ghazel li jpattiha lil Mifsud li kull ma kien ghamel kien semplicement li kellem lill-huh erba snin qabel, jghid *"Ma nafx. Just qbadt u ghamilt l-affarijiet hekk, cum bum"*.[12]

**Jinghad mill-ewwel li l-Qorti ma temminx din il-verzjoni** u cioe` li Micallef kellu ghalfejn ipattiha lil Mifsud dwar grajja li sehhet 4 snin qabel, jekk verament sehhet, u meta kull ma sehh fiha kien fi kliem l-imputat li hu wkoll omosesswali - u ghalhekk ma kellu ebda raguni ghaliex ikun antagonizzat versu Mifsud - kien semplicement *"biex inpattijielu talli kien mar ikellem lill-hija"* u dan meta huh kien jinsab minn rajh fl-istess bar![13]

Meta ittiehdietlu t-tieni stqarrija[14] l-imputat rega' insista li Gino ma kellu l-ebda rwol f'dak li ghamel. Inkongruwenza ohra ghall-persuna li trid taghmel azzjoni bi tpattija hi mhux biss il-fatt li r-raguni li jaghti Micallef kienet dwar xi haga minnha nfisha inokwa li sehhet, fi kliemu, 4 snin qabel, izda aktar minn hekk jghid li kien zamm ic-chats ma Mifsud li kienu jirrisalu ghall-Marzu - April, 2015 izda l-*pen drive* ntbghatet f'nofs Ottubru, 2015! Iktar ma jaghmilx sens l-imputat meta jiddeskrivi li dak li wasslu biex jaghmel azzjoni hekk hazina lill-Mifsud kien dovut ghall-fatt li Mifsud wehel ma rasu peress li kien ghaddej minn zmien hazin fuq ix-xoghol u kien hassar minn mal-partner tieghu. Ikompli jispjega li x-xewqa tieghu kienet li l-*pen drive* tasal ghand il-Kummissarju sabiex jibghatu ghal Mifsud *"biex ikellmuh"*. Difficli wiehed jimmagina li galadarba xi haga hi ntiza ghal ghand il-Kummissarju, l-ghola ufficjal fi hdan il-Korp, bil-kontenut li kien fiha l-pendrive, Mifsud kien ser jigi mitkellem biss!!!! Tant kien intenzjonat jaghmel hsara, li jghid li ma qabadx u ghaddiha lill-Pulizija ghaliex haseb li l-istess Pulizija kienu ser jostru kollox. Jghid li biex jevita li Mifsud jahrabha, ghazel li jghaddi il-

---

[11] Ibid.
[12] Fol.10
[13] Fol.9
[14] **Dok. SB5** a fol. 11 et seq

pen drive lil Gino sabiex ikun hu li jghaddiha lill-awtoritajiet *"qatt ma mmagginajt li l-pulizija kienu ha jiehdu passi kieku qbadt u tfajt l-pendrive gol-ghassa mill-ewwel"*[15]. Mistoqsija ohra li tqum u timmina l-verzjoni tal-imputat fl-istqarrija hi j**ekk hu kien jaf li Gino u Mifsud kienu ilhom hbieb ghal snin twal, kif seta' jkun daqshekk cert li Gino kien ser jghaddi *pendrive* dwar siehbu lill-awtoritajiet?? Zgur li Micallef ma kienx daqshekk veggent li gab dak kollu li ippjana – fi kliemu *"cum bum"*[16] – bizzilla?!?**

Illi l-konenut tal-*pendrive* gie esebit[17]: hemm ic-chats li saret riferenza ghalihom fejn inter alia tidher chat *"Yes im malthe still 17"* mzejjna b'konversazzjoni suggestiva ghall-ahhar u fejn jidru ritratti ta'guvnott t'eta zghira.[18] Sahansitra fuq il-*pendrive* tpogga' ukoll ritratt ta' ragel u ritratt ta' parti genitali maskili.[19]

Illi **Joseph Mifsud** xehed kif kien safa' arrestat fuq reati konnessi ma abbuz fuq minorenni. Muri konversazzjonijiet mibghuta fuq il-mobile permezz ta' 'Grindr', application li tigi accessata biss permezz tal-mobile, sjega li kien cchatja ma dik il-persuna xi 4 darbiet kollox.[20] Iktar il-quddiem jispjega *"dan l-uniku wiehed li qalli ghandi seventeen (17) meta ghidtlu but I want to see your face, qalli jien seventeen (17) ghandi u qtajna u ma bqajniex…imbghad dakinhar ma ccettjajtx iktar mieghu."*. Ikompli li baghat ir-ritratt tal-genitali tieghu *"qbadt ma wiehed, imma ma kienx minorenni ghax fil-fatt kien baghtli ritratt tieghu u anke sigrieti wkoll b'hekk kont bghatt"*.[21] Jghid li kien ilu jaf lil Gino madwar 15 il-sena u flimkien ma xi hbieb ohra kien jiffrekwenta d-dar tieghu fejn kienu joqghodu jiehdu t-te` fuq il-bejt. Mifsud ghadda biex spjega li wara li Gino kien hassu offiz minhabba li hass li Jesmond qabad u stieden imur ghandu wiehed Serb, jirrizulta li kien jismu Nico, ghall-insaputa ta' Gino, hu kien kixef dan ma Jesmond minkejja li Gino kien qallu biex ma jghidlu xejn (lil Jesmond). Minn dakinhar l'hemm deherlu li Gino kien ha ghalih.[22]

---

[15] Fol.12
[16] Fol.10
[17] **Dok. SB6** a fol. 14 et seq
[18] Fol.14-16
[19] Fol.19
[20] Fol.63-64
[21] Fol.65
[22] Fol.64-65

Dwar l-imputat jghid li qatt ma kien kellmu u ltaqa' mieghu xi tlett darbiet ghand Gino *"il-bqija qatt ma kellimtu lil dan barra".* Mifsud jikkonferma li c-chats minn fuq 'Grindr' kienu mibghuta lilu u anke li hu baghat ritratt tal-parti privata tieghu.[23]

**Il-Qorti osservat il-maniggi li ntuzaw sabiex Mifsud jigi impingi bhala predatur sesswali ta' minorenni** billi gew amalgamati ritratti minn fuq Facebook, iehor tal-genitali tieghu, mibghut fuq 'Grindr' fuq konversazzjoni wahda, u chat ohra wkoll mibghuta fuq 'Grindr' li ntemmet hekk kif Mifsud intebah li l-parti l-ohra setghet kienet minorenni. Mifsud jghid dan *"Ta' wicci fuq Facebook kien dak ma tfajtux fuq Grinder…dak [ta' 17] iccettjajt mieghu, jekk iccettjajt erba' (4) darbiet…fuq Grindr….Qalli: I'm seventeen (17), qed tifhem u mbghad wara dakinhar lanqas iccettjajna iktar jiena ma komplejtx inwiegbu u ma kompliex iwegibni dan…Grindr fuq mobile biss taqbdu ir-ritratt ta' wicci dak fuq facebook tfajtu jiena ma tfajtux fuq il-Grinder".*[24]

Illi **Dr. Martin Bajada** xehed kif minn fuq mobile elevat minghand Jackson Micallef **instabu l-messaggi mibghuta fuq Grindr[25] kif ukoll ir-ritratti li jirrizulta tnizzlu minn fuq Facebook**. Fil-fatt ic-chat ta'' Grindr' li nstabet fuq il-mobile tal-imputat tikkorobora x-xhieda ta' Mifsud meta jghid li dan qallu li ried jara lilu mhux lilu kollu *"Off u [sic] not whole :-)"*[26] Jigi osservat ukoll li fuq l-istess mobile tal-imputat instabu r-ritratti mibghuta fuq 'Grindr'[27] bhala parti mic-chat li saret ma Mifsud.[28] Instabu wkoll ritratt ta' wicc Mifsud[29] u iehor ta' genitali maskili[30] li Mifsud jikkonferma li kien baghat huwa stess f'chat ma persuna differenti (minn dak li kien qallu li kellu 17) fuq 'Grindr'.[31]

---

23 Vide fol.14-19 kkonfermati fix-xieda tieghu a fol.64-65

24 Fol.66-68

25 Fol.78 vide fol.87

26 Vide snapshot a fol.82 u xhieda ta' Mifsud a fol.63 *"ghidtlu can I see your face, jiena. Imbghad qalli: My whole u ghidtlu: Le your face I want to see".*

27 Fol.84

28 Fol.82

29 Fol.83

30 Fol.82

31 Fol.65 mistoqsi jekk bghatx ritratt tal-parti privata maskili jwiegeb li ghamel hekk izda mhux lil dak ta' 17 il-sena *"…qbadt ma wiehed, imma ma kienx minorenni… …b'hekk kont bghatt."*

Riprodott Bajada[32] jixhed li r-ritratti tal-guvnott li nstabu fuq ic-cellulari tal-imputat[33] gew downloaded minn fuq Facebook fil-25 ta' Settembru, 2015, anqas minn xahar qabel ma nbdew l-investigazzjonijiet dwar il-kaz odjern! Dawn l-istess ritratti jirrizulta li ntbghatu bhala parti minn chat fuq 'Grindr' lil Mifsud, fejn l-imputat jammetti li kien hu li baghthom.[34] Fuq l-istess pendrive kien hemm ritratt ta' parti genital maskili li nstab ukoll fuq il-mobile phone tal-imputat.

Illi **Kevin Mifsud** adett mal-*Customer Care* fi hdan il-Ministeru ta' l-Intern xehed kif Gino Cutajar Forte ghaddielu *pendrive* li sussegwentement giet mghoddija lill-pulizija u ma jeskludix li sar jaf li l-persuna, li wiccha kien jidher fuq il-pendrive, kienet Pulizija minhabba xi nota jew ittra li kienet mal-*pendrive*.[35]

Illi **Eugene Cutajar Forte** xehed li hu *Head of Customer Care* fis-Segretarjat tal-Kompettitivita` u Negozju fejn bhala parti minn xogholu kien jara n-nies fi-segretarjat jew fl-ufficju li l-Onor. Herrera kellu l-Hamrun. Spjega kif waqt li kien qed jiftah il-posta sab *pendrive* u wara xi 3 ijiem fetaha. Sab ritratt ta' Joseph Mifsud *"li huwa habib tieghi personali u ritratt iehor jekk inhu tieghu tal-parti kien daqxejn indicenti u rajt il-kontenut u rajt li kien hemm korrispondenza bejn xi had ta' seventeen mill-Marsa."*[36] Tkellem ma kollega - li baqa ma jsemmix minnhi - u din taghtu parir jghaddiha lis-segretarjat li tahtu jaqaw il-pulizija. Ghaddiha lil certu Kevin mis-segretarjat tal-Ministru Abela u l-ghada ircieva telefonata mid-depot.[37] Mistoqsi mill-Qorti dwar x'tip ta' relazzjoni kellu ma Mifsud ix-xhud jaghti risposta konvoluta ghall-ahhar fejn minflok ma jwiegeb domanda hekk faccli, jibda jirrakonta storja mzewqa b'dettalji twal u bla rilevanza dwar kif iqatta' l-granet tieghu, kemm hu bniedem bla vizzji, li jahdem sighat twal, u jispjega b'certu tul li filghaxijiet numru ta' hbieb tieghu jingabbru ghandu w aktar jghaddu hin juzawlu l-wifi milli jissocjalizzaw.[38] Bhala grupp ta' hbieb li kienu jiffrekwentaw d-dar tieghu, isemmi lil Mifsud.[39] Mitlub sabiex jikkonferma jgharrafx il-

---

[32] Relazzjoni **Dok. MBX** a fol. 132 et seq. senjatament vide fol. 135-136
[33] Vide fol.87
[34] Vide *chat* a fol.82, konferma ta' Mifsud li rceviha a fol.64 meta muri fol.14 sa 19.
[35] Fol.126-127
[36] Fol.55
[37] Fol.56
[38] Fol.56
[39] Fol.57

kontenut tal-pendrive ukoll jittenta jahrab mid-domanda[40] izda wara jghid *"Ghandhi ideja ovjament dan niftakru r-ritratt ghax **dan qisu hija** bil-Malti dan Joe Mifsud."*[41] Lill-imputat jiddeskrivieh bhala *"**wiehed mill-hbieb intimi tieghi Jackson Micallef**…l-ahhar wiehed li dahal fil-group"*.

Interessanti hafna huwa l-fatt li Cutajar Forte ma jsemmi ebda antagonizmu bejn Micallef u Mifsud: *"Fil-presenza tieghi Sir ha nghidlek meta kienu jkunu d-dar ghandhi jew ossia fuq il-bejt tieghi ma kellix problem, ma kellix glied bejniethom"*[42], izda fuq suggeriment tal-prosekuzzjoni ftakar li l-imputat hassu mwegga' *"Jackson kien qalli li darba Joey kien ta fastidju lil huh, pero Jackson qatt ma tani indikazzjoni li dan se jaghmillu xi haga, anzi nghid illi meta kienu ghandhi komplew ma xulxin"*[43] u *"li Joseph Mifsud kien go xi bar, disco, whatever qed tifhem u pprova jaqbad, ghax jien ma kontx prezenti x'qal hu, pprova jaqbad ma huh, li huh insejt x'jismu **kellu seventeen**"*.[44]

Illi mill-kontro-ezami ta' Cutajar Forte johrog element skoncernanti hafna li jimpingi fuq il-kreddibilita` ta' dan ix-xhud . Fil-fatt filwaqt li Cutajar Forte jipprova jaghti l-impressjoni li ha l-*pendrive* personalment fis-segretarjat tal-Ministeru ghall-Intern wara li tkellem ma' kollega li tibqa' ma tigix identifikata minnu, u li dan sar kontra qalbu ghaliex fi kliemu *"ghax **dan qisu hija** bil-Malti dan Joe Mifsud."*[45], jirrizulta li kien hu li **ghazel li jiehu l-inizjattiva li jinserixxi nota bid-dettalji ta' Mifsud mal-pendrive**: ***"PC Joseph Mifsud (il-Miffy) Stazzjonat l-ghassa ta' San Giljan"*** *gol-envelope mal-pendrive*.[46] Ghall-ewwel anke jichad li ghamel dan *"Le ma ktibt l-ebda dokument jien"* izda kkonfrontat minn dak li kien hu stess stqarr mal-ufficjal investigattiv jikkoncedi *"Ehe dik iva"!*[47]

Ma jridx jintnesa li Jackson Micallef jichad li kien baghat xi haga ohra ghajr ghall-*pendrive*: ***"Le l-pendrive biss poggejt jien".*** [48] Ghalhekk jirrizulta li Cutajar Forte ghazel li mhux semplicement igib il-*pendrive* a

[40] Fol.57-58
[41] Fol.58
[42] Fol.59
[43] Fol.60
[44] Ibid.
[45] Fol.58
[46] **Dok.PC** a fol.153 esebit mill-Ispettur Paola Ciantar
[47] Fol.61
[48] Fo.12

konjizzjoni tal-awtoritajiet u jhalli l-investigazzjonijiet taghhom jizvolgu minn hemm, izda ha l-izbriga li jiddentifika huwa stess lil Joseph Mifsud, jindika li l-persuna hija membru fil-Korp tal-Pulizija u indika wkoll l-ghassa fejn kien stazzjonat - ***"PC Joseph Mifsud (il-Miffy) Stazzjonat l-ghassa ta' San Giljan"!!***[49]

Illi l-imputat **Jackson Micallef** ghazel li jixhed u rrakonta kif kien ilu jaf lil Gino ftit xhur.[50] Kien hemm okkazzjoni meta l-imputat kien id-dar ta' Gino Cutajar Forte u Joseph Mifsud, li kien beda *chat* mieghu fuq 'Grindr', baghtlu ritratt tal-parti genitali tieghu[51] liema ritratt jigi kkonfermat minnu bhala l-istess wiehed mibghut lilu minn Mifsud.[52] Gino Cutajar Forte kien talbu jaghmillu kopja biex jimpustah id-dar ta' omm Mifsu, izda peress li ritratti mibghuta fuq 'Grindr' ma jistghux jigu *saved*, Micallef ha *screen shot* u zammu ghandu. Dak iz-zmien kien iddecieda jibblokja lil Mifsud. Fil-verzjoni moghtija quddiem il-Qorti, Micallef ghall-ewwel jipprova jghid li ma kienx jaf x'kien ser isir mill-*pendrive*, izda ma jdumx ma **jammetti li kien ftiehem ma Gino sabiex tittiehed il-Ministeru fejn kien jahdem biex sussegwentement tghaddi ghand il-pulizija minn ghandhom. Din il-verzjoni tinkwadra perfettament fid-dawl tal-provi gja migbura:**

*"Ibblokkjajtu. U mbghad kont ghamilt profile iehor u dan rega kellimni fuqu. U peress li ma' kienx hemm distanza bejn id-dar ta' Gino u d-dar ta' Joseph il-pulizija, li kien hemm jekk mhux sejjer zball xi 142 metres away, jekk mhux sejjer zball, gejt hafna vicin tieghu. Ghax l-app tahdem bi 360 degrees. Jigifieri ma' tghidx ezatt fejn inti, imma tghid kemm inti l-boghod 360 degrees. Rega kellimni u x' hin kellimni jiena ghajjat lil Gino ghax kont qieghed id-dar tieghu, fil-kcina. U nsomma qalli: "Jekk ma' nistax naghmilha ghax ghandi 17 u dan…… Kien qalli jekk ma' nistax naghmilha li ghandi 17 u hekk. U ghidtlu: "Imma jiena kif nista nibghat ir-ritratti tieghi u nghid li ghandi 17?" Hu kien jaf min jien.* ***[Qorti Minuta. Min qallek biex tghid li ghandek 17? ...Gino Cutajar****. .....Sa dak iz-zmien, ma' kontx naf ir-raguni. U nsomma jien kont ghamiltha…… Ir-ritratt li hemm hemmhekk, dak konna nizzilnih minn fuq facebook [tal-guvnott]. Insomma, wara li waqafna niccettjaw u kollox, jien hadt l-iscreen shots taghhom [tac-chats], tal-affarijiet u ssejvjajthom fil-mobile li kelli*

[49] **Dok.PC** a fol.153
[50] Fol.155
[51] Fol.19. L-istess ritratt instab fuq il-mobile ta' Micallef - Vide fol.82, relazzjoni **Dok. MB1**
[52] Fol.156

*dak iz-zmien. ….**U mbghad kien qalli: "Ghalissa zommhom, mbghad nghidlek jien x' naghmlu bihom."** U ghidtlu: "X' ser taghmel bihom?" U jien sa dak iz-zmien kont qed inhassar minn ma' min kont u hekk u ma' qghadtx nistaqsi hafna mistoqsijiet…."*[53]

Micallef ikompli jispjega dak li wassal sabiex Gino jiehu ghalih u jasal ikun hu li ried ipattiha lil Mifsud u cioe` minhabba li neighbour tieghu, Jesmond li kien ukoll Pulizija, kien stieden ghall-breakfast lil habib Serb ta' Gino, Nico, li kien qed joqghod ghandu u dan minn wara dahar l-istess Gino li kien marid. *"Dan Jesmond milli jidher dahal anke dan il-Miffy fin-nofs [Joseph Mifsud], u kien ha ghalih ghax dan Nico kien ghazel lilhom minn flokhom. Milli ghazel li joqghod hemm mieghu ghax kien ma' jiflahx. Insomma din grat ezatt fil-festa tal-Hamrun…. Minhabba dan l-incident Gino hadha gewwa u ried b' xi mod jara … Kif ha jpattiha lil Joseph Mifsud, il-pulizija. Ghax dan kien mar in-neighbor u Joseph kien mar ghand in-neighbor."*[54] Dan sehh fil-festa ta' San Gejtanu. L-imputat jghaddi biex jispjega dak li ghamel Gino bi tpattija lejn Mifsud ***"talabni r-ritratti tal-iscreen shots li kont hadt minn gol-mobile. Jiena domt hafna biex tajthomlu…. U mbghad tajthomlu. Ghamilnihom fuq pendrive li kien tahieli habib tieghi, …… Tfajt l-iscreen shots kollha li kien hemm, li hemm hemmhekk.***

***Qorti: Inkluz dak pornografiku biex niftehmu, tal-parti tieghu.*** [55]

***Xhud.. Iva.** Issa, jiena mort id-dar, cempilli Gino biex ninzel id-dar ghandu u biex inizzel il-pendrive d-dar tieghu. Mort ghandu, u tajthielu d-dar tieghu. jiena ovvjament dakinhar ma' qghadtx nistaqsi kif u come. Ftit wara rcevejt call minghand Gino, li **qalli li l-pendrive tahilhom**.*

*Pros: Lil min?*

*Xhud: Li **taha go xi Ministeru tal-Gustizzja, nsomma go xi Ministeru, biex jghadduha lill-Kummissarju huma**. Ftit zmien wara, forsi xi erbat ijiem, hamest ijiem wara, jcempluli mid-Depot biex ninzel hemmhekk u mbghad*

*Qorti: Jigifieri inti qed tghid li inti l-pendrive bl-affarijiet personali ta' Joseph, tajtha lil Gino.*

---

[53] Fol.159-160
[54] Fol.162
[55] Fol.163

*Xhud: Iva.* ***Just il-pendrive, u tajthielu f' idu. Hand to hand.***

*Qorti: Pero' kont taf li ma' kellekx itihielu hux hekk?*

*Xhud: Dak iz-zmien, l-affarijiet li kont ghaddej minnhom*

*Qorti: Gejt taqa` u tqum.*

*Xhud: Mhux li gejt naqa` u nqum,*

*Qorti: Mela xiex?*

*Xhud: Mohhi ma' kontx il-100% tieghi li, mhux I didn't care,*

*Qorti: Talabielek u tajthielu.*

*Xhud: Ezatt. A best friend li dan u jien tajthielu. Kont nghidlu kollox, sa meta kelli nfection, kont incempillu meta kelli nfection.* ***Kif konna jiena u hu, qatt ma' tobsorha. Dan qeghdin nghidu qisu jien u hija****.".* [56]

Minn hawn ghalhekk il-provi jindikaw li l-pjan kien mifthiem diga' bejniethom. Jigi sottolinejat il-kliem uzat minn Micallef - ***"qalli li l-pendrive tahilhom"*** - li juri bic-cjar li kien sar dak hekk kif kien gie mifthiem! Jigi sottolinejat li ghal darba ohra li Micallef ma kien jaf b'xejn bin-nota li Gino inserixxa fl-envelope u li fiha identifika lil Mifsud bhala Pulizija stazzjonat l-ghassa ta' San Giljan!!

L-imputat imbghad jispjega li r-ritratt ta' Mifsud[57] li nstab fuq il-mobile tieghu kien ritratt li Mifsud kien ghamel fuq 'Grindr', filwaqt li r-ritratti tal-guvnott li jidhri a fol.84 u li ntbghatu fic-chat lil Mifsud allegatament minn tfajjel minorenni tnizzlu minn fuq Facebook,[58] (fatt ikkonfermat minn Bajada li wasal biex jaghti d-data ta' meta tnizzlu u cioe` nhar il-25 ta' Settembru, 2015[59], xahar u nofs wara l-festa ta' San Gejtanu[60] meta

[56] Fol.164-165

[57] Ritratta fol.83

[58] Fol.166

[59] Vide **Dok. MBX** a fol.135

[60] Fol.161. Il-festa ta' San Gejtanu tahbat dejjem fl-ewwel Hadd wara is-7 t'Awissu. Ghalhekk il-festa fl-2015 giet il-Hadd 9 t'Awissu. Jigi mfakkar li r-ritratti (tal-guvnott) tnizzlu minn fuq facebook fil-25 ta' Settembru, 2015 – kronologija li tindika pjan meqjus u mahsub – tenut kont li mbghad kien f'Ottubru li l-kaz wasal ghand il-Pulizija.

nqala' d-dizgwid dwar Nico) *"Dawk it-tlett ritratti jien issejvjajthom fl-app u nbghatu fic-chat"* biex jaghti l-impressjoni li kien hu.[61]

Dwar in-nota esebita[62] li fuqha hemm miktub il-kliem ***"PC Joseph Mifsud (il-Miffy) Stazzjonat l-ghassa ta' San Giljan",*** Jackson Micallef jichad li kien konsapevoli dwarha. L-imputat sar jaf b'din in-nota fil-mument li kien qed jigi nterrogat *"jien lanqas kont naf li jghidulu l-Miffy dak iz-zmien. Issa jien meta kont qieghed hemmhekk mal-Pulizija, bdew isaqsuni jekk gol-envelope ma' kienx hemm ittra. Jew ittra jew dokument, whatever, a piece of paper. Jiena tipo ma' bdejt nirrispondi xejn fil-verita`, m' ghid xejn ghax ma' kont naf xejn… Huma bdew jghidu li kienet… F' envelope mal-pendrive."*[63]

Hawnhekk u kif sar accenn aktar il-fuq, il-Qorti temmen li Micallef ma kienx jaf bl-inizzjattiva ta' Gino li jindika lil Mifsud f'nota inserita mal-*pendrive* kif, wara kollox, jammetti li ghamel Gino stess quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.[64]

Fil-kontro-ezami tieghu Jackson Micallef jigi mistqosi ghaliex issa qed iwahhal f'Gino meta fiz-zewg stqarrijiet li ghazel li jiffirma kien qal li Gino ma kellux x'jaqsam u l-ideja kienet kollha tieghu. Jackson Micallef jipprova jiggustifika il-bdil fil-verzjoni ghall-fatt li l-lejl ta' qabel kien Paceville, mal-gurnata ma kien strieh xejn u l-pulizija wissewh li jekk jirrizulta li Gino kien il-mohh wara dan il-pjan malinn l-Ministru Herrera u l-istaff tieghu jispiccaw bla xoghol.[65] Ta min isemmi li l-ewwel stqarrija ittiehdet fid-19:20hrs u ntemmet fid-21:00hrs – altru` zmien bizzejjed biex il-qorti tqis li mhux minnu dak li jghid u cioe li *"U kont ghadni bl-effett tal-alkohol".*[66] Dwar it-tieni stqarrija, mehuda l-ghada 25 t'Ottubru, 2015, fil-11:40am fejn ukoll tenna l-mankanza tal-involviment ta' Gino Cutajar Forte, l-imputat jghid li din id-darba xorta ma qalx il-verita` *"Hemmhekk kont qieghed hazin…jien jien qatt ma' dhalt jew qghadt go lock up jew xi haga. Qas id-Depot ma' naf li dhalt."*[67] Zied ukoll li hass pressure ghax l-ispettur qallu li jekk ma kienx ser jaqbad il-vapur fil-hin il-mara kienet ser titilqu.

---

[61] Fol.167

[62] **Dok.PC** a fol.153 esebit mill-Ispettur Paola Ciantar

[63] Fol.168

[64] Vide Xhieda ta' Cutajar Forte a fol 61-62*: "Ehe dik iva…ehe"*

[65] Fol.169

[66] Fol.169

[67] Fol.177

Ghalhekk fic-cirkostanzi *"bdejt nahseb li dawk in-nies kollha li ha jitilfu x-xoghol,"*.[68]

Illi l-Qorti tinnota li l-istqarrija tal-imputat tal-24 t'Otubru, 2015,[69] damet kwazi saghtejn u fiha l-imputat jaghti twegiba ghall-kull domanda; hu elokwenti u jwiegeb bi hsieb; joffri hafna dettalji anke jekk certu dettalji huma finzjoni bhal ma ghamel uzu minn *pendrive* li suppost sab mal-art[70] jew li iddecieda jpattiha lil Mifsud erba snin wara akkadut li ma fih xejn avers (ghax Misud kellem lil huh go *gay bar*)[71] u li kien ilu jzomm chat fittizja minn Marzu-April, 2015! L-istess jinghad ghall-verzjoni mehuda l-ghada, 25 t'Ottubru, 2015,[72] fejn tkompli fuq l-istqarrija precedenti. Altru` milli jitwemmen li tali stqarrija ittiehdet lil bniedem li ma kienx f'siktu, mifni bin-nghas, bl-alcholol u b'xi pressjoni ghax l-ispettur kien ser jitlef il-vapur! <u>It-twegibiet tieghu huma konsistenti u jwiegeb precizament ghal kull domanda li saritlu b'intelligenza biex ma jitfa' ebda dell fuq Gino Cutajar Forte.</u>

**Il-Qorti temmen li Micallef kien imbezza' mhux ghax l-ispettur jitlef il-vapur izda mir-riperkussjonijiet li potenzjalment ikunu hafna aghar mis-semplici tkeccija ta' Cutajar Forte minn mal-Ministeru fejn kien jahdem!**

Illi pressat mill-ufficjal prosekutur jammetti li ma giex mhedded imma pressured u kien ghalhekk li hass li kellu jigdeb *"<u>Meta jiena ghidt li mhux Gino qabbadni naghmel dawn l-affarijiet, dawk l-affarijiet, iva, kollha gideb</u>. U l-aktar bicca li ghadni nhossha sal-lum li spiccajt kelli nigdeb ukoll, ghax ma' tantx naghmilhom dawn l-affarijiet. Jiena persuna kif jien ma' nghix go gidba. … Li ghidtilhom li kont ghamilt kollox jiena u dawn l-affarijiet kollha, jiena gdibt hemmhekk. Wara l-Avukat kont mort dirett ghandu u dakinhar wara li kienu hallewni nohrog, u talabni biex nghidlu l-istorja kollha x' gara u ma' garax."*.[73]

---

[68] Fol.170
[69] **Dok.SB4** a fol.8 et seq.
[70] Fol.9
[71] Fol.9-10
[72] **Dok. SB5** a fol.11 et seq.
[73] Fol.172

Il-kontro-ezami jissokta u jirrizulta kemm verament **l-imputat kien konsapevoli dwar il-pjan malizzjuz mahluq b'tant hsieb li gie mwettaq biex titkisser persuna innocenti, Joseph Mifsud**:

*"Pros: Mela issa mbghad, inti ghidtilna, spjegajt lill-Qorti, li Gino qallek biex tiehu dawn l-iscreen shots, izzommhom u qallek: "Imbghad nghidlek jien x' naghmlu bihom." Eventwalment Gino qallek x' ha jaghmel bihom? Qallek x' ha jigri b' dawn l-iscreen shots?*

*Xhud:* ***Kien qalli li ser jehodhom go xi Ministeru, kif ghamel,***

*Qorti: Diga semmejtha. Jigifieri kont taf x' ser jaghmel bihom.*

*Xhud: Ma' kontx naf li ha jinqala dan kollu. Ma' kontx naf li ha tispicca hekk.*

*Pros: Imma meta qallek li ha jehodhom il-Ministeru, inti ma' stasejtux ghal xiex jew*

*Xhud: Le."*[74]

Izda ftit qabel fix-xhieda tieghu qal mod iehor:

***Xhud.. Iva.*** *Issa, jiena mort id-dar, cempilli Gino biex ninzel id-dar ghandu u biex inizzel il-pendrive d-dar tieghu. Mort ghandu, u tajthielu d-dar tieghu. jiena ovvjament dakinhar ma' qghadtx nistaqsi kif u come. Ftit wara rcevejt call minghand Gino, li* ***qalli li l-pendrive tahilhom****.*

*Pros: Lil min?*

*Xhud: Li* ***taha go xi Ministeru tal-Gustizzja, nsomma go xi Ministeru, biex jghadduha lill-Kummissarju huma****.*

Illi mix-xhieda ta' Cutajar Forte jirrizulta dettal li, fl-isfond ta' dak li xehed l-imputat, jakkwista sinifikat kbir u jsahhah il-verzjoni tal-imputat li dak li ghamel hu, ghamlu bi ftehim ma Cutajar Forte. Fix-xhieda Cutajar Forte jaghti dettal li jissemma' biss minnu u dan jirrigwarda lil hu Micallef li allegatament kien gie mitkellem minn Mifsud; dan hu dwar id-dettal dwar l-eta` ta' hu Jackson Micallef **-17 il-sena! Hija din l-istess eta' li Micallef jghid giet indikata fic-chat ma Mifsud fuq instigazzjoni tal-istess Cutajar** ***qalli: "Jekk ma' nistax naghmilha ghax***

[74] Fol.181

***ghandi 17……. [Qorti Minuta. Min qallek biex tghid li ghandek 17? …Gino Cutajar."***[75]

Fid-dawl ta' dawn il-provi ssir riferenza ghal dak deciz mill-Qorti tal-Magistrati fil-procediment **Il-Pulizija vs Christian Demanuele:**[76]

Illi dwar il-kalunja indiretta u d-differenza bejn dan ir-reat u dak ta' kalunja diretta l-**Professur Mamo** jghallem li:

*Whereas the false accusation ... made orally or in writing by any information, report or commplaint cionnstitutes the caluminious accusation, properly so called verbal or direct, this other form, consisting in falsely fabricating factual evidence os an offence against an innocent person, consists the caluminious accusation known as real or indirect: "La calunnia reale consiste nel simulare a caricp di persona che si sa innocente le tracce o gli indizi materialo di u reato... tale sarebbe il-porre sul luogo del reato un oggetto simile a quello portato dalla persona che si vuol colpire, ovvero il-porre sulla persona o nell' abitazione altrui un pugnale insanguinante, opurre una cosa furtiva" (**Maino** op cit para 1102)*

*The constituent elements of this crime emerge clear from its definition. The material element consists in fabricating that is, as the law says, falsely causing any fact to exist or appear to exist which may be used as evidence of a criminal offence against an innocent person. The intentional element consists in the intent on the part of the agent to procure that the person be unjustly convicted of or charged with the offence. On the other hand, the crime under section 101 of calumnious accusation known as verbal or direct such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority, in the case of this indirect form of calumnous accusation the crime cannot be said to be completed until the fact or circumstance of fact falsely caused to exist or to appear to exist as aforesaid, becomes known to the competent authority.*[77]

Illi l-istess l-**Antolisei**

*Le modalita dell'incolpazione possono concretare la cosidetta caunnia diretta o formale e la calunnia indiretta o materiale (detta anche reale). Si ha la prima quando l'attribuzione dell'illecito penale si attua mediante denuncia .... .... ....; la seconda quando l'incolpazione si pone in essere simulando a carico di taluno le tracce di un reato.*[78] *.... .... .... tracce costituite da tutti i fatti o circostanze che servono a designare un determinato individuo come certo o probabbile autore o compartecipe di un fatto criminoso. I modi piu comuni concui si commette questa forma di calunia sono la simulazione di violenza sulle persone o sulle cose, oppure il collocaamento di oggetti indizianti presso il caalunniato...*[79]

Illi dawn il-principji gew affermati mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs David Mizzi**[80]; dik il-Qorti qalet hekk dwar ir-reat issa in ezami:

---

[75] Fol.159

[76] Deciza 10.08.2017; per Onor. Magistrat. Dr. Doreen Clarke.

[77] Op. cit. pagna 58.

[78] Op. cit. pagna 467.

[79] Pagna 469.

[80] Deciza 16.02.1998

*Ir-reat ikkontemplat f'l-artiklu 110(1) tal-Kodici Kriminali hu dak tal-kalunja reali jew indiretta u jiddistingwi ruhu mill-kalunja verbali jew diretta kontemplat f'l-artikolu 101 billi jirrikjedi li l-agent ikun, b'qerq, **materjalment holoq, jew materjalment gieghel li jidher li hemm** bhala prova kontra persuna ohra. Kemm fil-kalunja diretta kif ukoll f' dik indiretta, l-element formali tar-reat jikkonsisti filli wiehed ikollu hsieb li jaghmel hsara lil persuna ohra, billi jaghmel mil-gustizzja strument ta' ingustizzja kontra dik il-persuna l-ohra. Fi kliem iehor ghar-reat kontemplat f'l-artikolu 110(1) mhux bizzejjed is-semplici kliem, migjuba bil-fomm jew bil-miktub, li permezz taghhom wiehed dolozament jakkuza persuna quddiem awtorita kompetenti b'fatti ammontanti ghal reat meta jkun jaf li dik il-persuna hi innocenti, **izda hu mehtieg li jinholqu tracci jew indizji materjali bil-hsieb li dawn kunu jistghu jintuzaw kontra dik l-persuna.***

Illi ghalhekk dak li tirrikejdi l-ligi in kwantu ghall-ewwel imputazzjoni u cioe` dik dwar ir-reat ta' **kalunnja indiretta jew reali** ravvizat bl-artikolu Artikolu 110(1) tal-Kodici Kriminali, hu li l-imputat kellu l-intenzjoni li jaghmel hsara lil Mifsud billi jakkuzah quddiem awtorita` kompetenti u intenzjonalment holoq provi biex jiswew bhala prova fil-konfront tal-istess Mifsud. Jidwi kliem Jackson Micallef *"jiena mort id-dar, cempilli Gino biex ninzel id-dar ghandu u biex inizzel il-pendrive d-dar tieghu. Mort ghandu, u tajthielu d-dar tieghu. jiena ovvjament dakinhar ma' qghadtx nistaqsi kif u come. Ftit wara rcevejt call minghand Gino, li **qalli li l-pendrive tahilhom… taha go xi Ministeru tal-Gustizzja, nsomma go xi Ministeru, biex jghadduha lill-Kummissarju huma."***[81].

**Illi l-Qorti hi konvinta li l-imputat kien jaf x'kellu jsir mill-*pendrive*, kien hu li amalgama u kreja 'evidenza' fazulla biex taghti impressjoni li Mifsud kien xi predatur sesswali ta' tfal taht l-eta` biex b'hekk jittiedhu proceduri fil-konfront tieghu w mhux semplicement iwasslu sabiex jitkecca mill-Korp**.

**Minn fuq il-pedana tax-xhieda, Micallef seta' qal il-verita` kollha dwar l-involviment shih tieghu f'dan l-att rreprensibblii, izda sal-ahhar jibqa' lura milli jaghmel dan minkejja il-provi kollha jindikaw xort'ohra.**

Illi mhemmx dubbju li mill-provi akkwiziti tirrizulta soddisfacentement ppruvata din l-ewwel imputazzjoni.

Illi fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, li tirrigwarda r-reat ravvizat bl-artikolu 48(d) tal-Att biex Jirregola t-Telekomunikazzjoni, qed jigi

[81] Fol.164

kkunsidrat dak li ddecidiet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fil-kaz **Il-Pulizija vs Dr. Etienne Calleja:**[82]

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant hu li l-akkuza kif impostata (Sic!) ma tinkwadrax ruha fl-artikolu 35(1)(d) tal-Kap.399.Illi l-akkuza kif dedotta kontra l-appellant u li taghha nstab hati mhix dik kontravvenzjonali ta' min jaghmel lil haddiehor theddid mhux imsemmi band' ohra fil-Kodici Kriminali kontemplata fl-artikolu 339 (e) tal-Kap.9, imma akkuza li tidher, kemm mid-dicitura taghha kif ukoll mill-artikolu citat mill-Ewwel Qorti, bazata fuq l-art.35 (1) (d) tal-Kap.399, l-Att biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettronici (qabel imsejjah Att biex Jirregola t-Telekomunikazzjoni, Att XXXIII tal-1997 kif emendat bl-Att XIX tal-1998; XVIII tal-2000; VI tal-2001; XXVII tal-2002 ; IX tal-2003 u VII tal-2004).

Dan is-sub-sub inciz jghid li persuna li tuza xi network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih, jew tittraskura milli tosserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahrugu minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici jew inkella tuzah b' mod mhux kif imiss, tkun hatja ta' reat that dak l-Att u tista', meta tinstab hatja, tehel multa ta' mhux izjed minn LM10,000 (qabel LM5000) u fil-kaz ta' reat permanenti ghal multa ta' mhux izjed minn LM200 ghal kull jum li matulu jkompli r-reat……

Issa dan is-sub sub-inciz jigi wara tlieta' ohra (a) (b) u (c) li fihom fis-sustanza wiehed isib ir-reati kontemplati fl-artikolu 34 (1) kif kien qabel l-emendi li saru bl-Att VII tas-sena 2004, meta dawn ingabru fl-erba sub incizi tal-artikolu 35 (1) illum (u kif kienu vigenti fiz-zmien tal-allegat reat) Dawn huma r-reati segwenti :-

(a) ta' min jibni, isewwi izomm f' kondizzjoni tajba , jibdel jew jikkontrolla xi apparat jew installazzjoni minghajr ma jkollu xi kwalifika mehtiega ghal dak l-iskop (b) ta' min ibiegh jew joffri ghall-biegh jew jipprovdi jew jistalla jew juza xi istallazzjoni jew apparat li ma jkunx jikkonforma ma tali *standards* jew specifikazzjonijiet teknici skond ma huma mehtiega jew stabbiliti f' dak l-Att jew tahtu; jew ikollu tassew ragjonevolment ghaliex jahseb li jkun difettuz jew inkompatibbli mas-servizzi li dwarhom ikunu imbieghu, gew provvduti, installati jew uzati , u (c) ta' min jipprovdi xi servizz ta' komunikazzjonijiet elettronici jew jistalla jew ihaddem xi network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici bi ksur ta' xi dispozizzjoni ta' dak l-Att jew bi ksur ta' xi kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni imposti b' dak l-Att jew tahtu .

Ikkonsidrat;
Illi dawn ir-reati w ohrajn li jinsabu fis-subartikoli (2) (3) u 4) huma deskritti fin-nota marginali bhala "Reati ta' xorta kriminali **specifici** ghall-komunikazzjonijiet elettronici" (emfasi ta' din il-Qorti).

---

[82] Onor. Imhallef Dr. J. Galea Debono; Deciza 22.08.2007; Appell Kriminali Numru. 102/2007. Vide ukoll **Il-Pulizija vs Edgar Publius Bonnici Cachia** per Onor. Magistrat Dr. Doreen Clarke, Deciza 26.03.2015; Kumpilazzjoni Nru. 219/2011 fejn dik il-Qorti wara li ccitat mill-istess sentenza hawn fuq riprodotta ziedet:
Illi dan il-principju baqa jigi japplikat u assodat mill-Qrati taghna tul is-snin b'mod li llum l-Kapitolu 399 jipprovdi b'mod specifiku ghal minn juza mezzi eletronici biex jdejjaq, joffendi jew jhedded lil haddiehor [Dan permezz tal-artikolu 49].
Illi fil-kaz in ezami l-prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat uza mezzi elettronici: il-mobile phone u l-internet (tramite l-emails), biex idejjaq u jhedded lil Farrugia. Huwa car, fid-dawl tal-gurisprudenza fuq kwotata, li din ir-raba imputazzjoni, kif dedotta, ma tistax tirrizulta.

Illi moqri fid-dawl tal-import tas-sub sub-incizi (a) (b) (c) li jippreceduh, u tas-sub artikolu (2) (3) u (4) li jsegwuh jidher car li s-sub sub inciz (d) qed jikkontempla uzu ta' network jew apparat li bhall-dawk li jissemmew qabel, mhumiex awtorizzati, jew ghax mhumiex teknikament korretti, jew ghax ma jsirux minn persuni kwalifikati, jew ghax ma jkunux teknikament kompatibbli ma servizzi ohra, eccetera. Jidher li l-ghan tal-ligi specjali f' dan l-artikolu mhux li johloq jew jippunixxi b' mod aktar sever u gravuz reati kriminali li jinsabu f' ligijiet ohra li jsiru b' mezzi ta' telekomunikazzjoni, kif qed tinterpreta dan is-sub sub inciz (1) (d) tal-artikolu 35 il-Prosekuzzjoni, imma biex tipprevjeni abbuzi ta' natura teknika minn sistemi ta' komunikazzjonijiet elettronici. Bl-applikazzjoni tar-regola tal-interpretazzjoni tal **eiusdem generis**, jidher car li issub sub inciz (d) mhu xejn hlief aspett iehor tar-reati ta' natura teknika kontemplati fis-sub sub-incizi (a) (b) u ( c ) u reati ohra intizi biex jolqtu specifikatament it-thaddim ta' sistemi ta' komunikazzjonijiet elettronici w ma jissema blebda mod u ma jiccentra xejn it-theddid jew addirittura xi tip ta' reat iehor kontemplat f' xi ligi ohra.

U bil-fors li jkun hekk ghax ma jaghmilx sens li min jhedded verbalment li xi hadd ikun punibbli b' ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira jew sa xaharejn detenzjoni, mentri jekk it-theddida ssir ukoll verbalment imma bittelephone ikun passibbli ghall-multa sa ghaxart elef lira Maltin (LM10,000).

Hu car ghalhek li l-kliem **" ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih"** u "**jew tuzah b' mod mhux kif imiss"** f' dan is-sub sub-inciz ma jirriferix ghall-kommissjoni ta' xi reat iehor bl-uzu tat-telephone, imma ghall-uzu ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoniijiet elettronici fornut minn impriza mhux ghal-ghan tekniku, awtorizzat, kompatibbi, eccetera, jew ghall xi forma ta' abbuz iehor, imma dejjem fl-isfera tar-reati ta' l-istess natura teknika komprizi fis-sub-sub-incizi (a) (b) u (c) u reati ohra krejati fis-subartikoli (2) (3) u (4) li kollha jirrigwardaw abbuzi ohra bhal min jaghti informazzjoni falza jew qarrieqa (2); ta' impjegat ma xi impriza li tati informazzjoni dwar messaggi li jsir jaf bihom minnhabba l-kariga li jkollu, jibdel jew jahbi jew jommetti, jdewwem jew jostruwixxi milli jwassal xi messagg jew jeqred xi messagg jew ihassar jew jeqred xi messagg li ma jkunx indirizzat lilu, eccetera (3) jew inkella ta' min jattakka jew jostruwixxi xi impjegat ta' impriza fil-qadi tal-funzjonijiet tieghu (4).

Dan ikompli jsahhah il-konvinzjoni ta' din il-Qorti dwar l-ghan veru tar-reati kontemplati f' din it-Taqsima tal-Kap.399.

Illi umbaghad hu principju baziku w fondamentali li fit-termini tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jehtieg li l-ligi li tikkostitwixxi reat tkun accessibbli u cara, w li jkun hemm dak li jissejjah *“legal certainty.”* Dan certament ma jkunx il-kaz jekk fis-sub subinciz jkunu jistghu jigu *"attached*" xi dispozizzjonijiet ohra li jikkontemplaw reati ohra kriminali skond ma jkun jidhrilha opportun il-prosekuzzjoni minn kaz ghall-kaz w dan bl-iskuza tal-uzu tal-kliem generiku: *"ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih"* u/jew *"b'mod mhux kif imiss"* adoperat fl-art. 35(1) (d).

Illi ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti anki kieku, ghall-grazzja tal-argument, il-kliem inkriminat kellu jitqies bhala kliem ta' theddid, il-prosekuzzjoni kien imissha pprocediet skond l-artikolu 339 (e) fuq imsemmi u mhux taht l-art. 35 tal-Kap. 399.

Fid-dawl ta′ dan l-insenjament u tenut kont tal-fatti specie ta′ dan il-kaz, il-prosekuzzjoni kellha takkuza lill-imputat bir-reat ravvizat bl-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta′ Malta, u mhux b′dak ravvizat fl-artikolu 48(1)(d) ta′ dak il-Kapitolu.

Illi giet esebita sentenza fil-konfront tal-imputat li tirriproduci l-konnotati tieghu ghajr ghall-ahhar ittra fin-numru tal-karta tal-identita` tieghu w l-indirizz residenzjali.[83] Madanakollu il-konnotati l-ohra kollha jaqblu u mhemmx dubbju li din is-sentenza tirreferi ghall-imputat odjern.

Illi in kwantu ghall-piena l-Qorti qiset in-natura serjissima tar-reat li qed tinstab htija dwaru; reat li permezz tieghu persuna innocenti, Mifsud, tigi akkuzata b'delitt u potenzjalment privata mill-liberta` taghha ghall-ghadd konsiderevoli ta' snin. F'dan il-kaz id-delitt/i li seta' gie inkolpat bih/hom Joseph Mifsud kien/u dak/dawk ravvizat/i bl-artikoli 203(1),[84] 204C(1)[85] u 208AA(1)[86] tal-Kodici Kriminali - reati lkoll suggetti ghall-piena akbar minn piena ta' prigunerija ghal zmien sentejn. **Ghaldaqstant il-piena erogabbli hija dik bejn sentejn u hames snin** ai termini tal-artikolu 110(1) tal-Kodici Kriminali li jirrendi applikabli l-piena erogabbli ghal xhud falz, u cioe` il-piena ravvizata bl-artikolu 104(1) tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti qiset fit-tul dwar il-piena li kien jisthoqqlu jircevi Micallef ghall-ghemil minn tieghu. Assolutament ma ghamel xejn l-imputat sabiex jikkonvinci l-Qorti li kellu jinghata piena fil-minimu taghha u b'hekk potenzjalment anke jibbenefika minn sentenza sospiza ta' prigunerija. Sal-ahhar mumenti fix-xhieda tieghu ma wera ebda rimors ghall-ghemilu, baqa' ghall-kollox passiv ghall-konsegwenzi serji li seta' gab lill-vittma, ufficjal tal-Pulizija, fihom. Inoltre` u kif intqal diga`, ix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti tibqa' wahda mhix veritjiera fejn l-ispjegazzjonijiet li jaghti ghall whud mid-domandi inokwi li sarulu, huma nieqsa mill-kredibilita` mehtiega.

Il-Qorti qiset ukoll il-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta li mhux xi *first-time offender*, u tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz fosthom li ghalkemm seta' verament ma kienx il-mohh wara dan ir-reat, madanakollu ghalkemm ma kellu ebda interess jaghmel azzjoni daqshekk krudili fil-konfront ta' bniedem li bil-kemm kien jafu u li qatt ma kien ghamillu xejn, ma hasibiex darbtejn biex jiffabrika u jikkreja

[83] **Dok. JS1** a fol.119
[84] Fl-2015 il-piena kienet ta' massimu ta' tlett (3) snin prigunerija
[85] Fl-2015 il-piena kienet ta' massimu ta' hames (5) snin prigunerija
[86] Fl-2015 il-piena kienet ta' massimu ta' hames (5) snin prigunerija

materjal biex isallab u jirrovina lil dan Mifsud li seta' anke safa' inkarcerat ghall-tul ta' zmien bla ebda htija.

Mhux nieqes minn rilevanza l-fatt li r-reat li ntghazel sabiex jigi fabbrikat u tigi kreata evidenza sabiex issallab dan il-kuntistabbli, ma kienx reat kwalunkwe izda precizament reat li jqanqal l-ghola stmerrija u jissuxita fis-socjeta` sens ta' rabja u inkompressjoni aktar minn reati ohra – il-pedofelija – fejn minuri jisfaw ghalf irrezistibli ghal speci nieqsa minn inibizzjoni, umanita` u dinjita`! Mahsuba sew kienet il-bicca xoghol li dahal ghaliha l-imputat.

Ghal dawn il-mottivi, wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 104(1) u 110(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, issib l-imputat hati tal-ewwel akkuza, filwaqt li tilliberah mit-tieni akkuza, u tikkundannah piena ta' tlett snin prigunerija.

Inoltre` bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tordna lill-hatja thallas l-ammont ta' €1,180.00 rapprezentanti spejjez peritali.

Illi fid-dawl tal-provi li gew prodotti f'dawn il-proceduri, l-Qorti tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga jekk f'dana il-kaz jezistux l-estremi legali li jsawwru, *inter alia*, ir-reati kkontemplati fl-artikoli 104(1) u 110(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, u dan senjatament fil-konfront ta' Eugene Cutajar Forte.

Il-Qorti tordna li kopja tax-xhieda tal-imputat u ta' Eugene Cutajar Forte moghtija f'dawn il-proceduri flimkien din is-sentenza jintbaghtu lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jaghmel l-investigazzjonijiet hekk kif ordnat.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**